

MT

MT

MT



IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Brussell, 22.7.2010
SEC(2010) 964 finali

DOKUMENT TA' ĦIDMA TAL-PERSUNAL TAL-KUMMISSJONI

**dwar il-funzjonament u l-potenzjal ta'
djalogu soċjali settorjali Ewropew**

WERREJ

SOMMARJU EŻEKUTTIV	4
1. Introduzzjoni	5
2. Il-kumitat għad-djalogu soċjali settorjali Ewropew	6
2.1 Id-dinamika tal-kumitati.....	6
2.2 Id-diversità u r-rilevanza tar-riżultati	9
2.3 L-adattament għat-tkabbir	12
3. It-titjib tad-dimensjonijiet ta' konsultazzjoni u ta' negozjati tal-kumitati għad-djalogu soċjali settorjali Ewropew	13
3.1 Il-kapaċità konsultattiva u amministrattiva tal-imsieħba soċjali Ewropej	13
3.2 Negozjati u l-kapaċità li jiġu nnegozjati l-ftehimiet.....	14
4. It-titjib tal-kopertura u r-rappreżentanza tal-kumitati għad-djalogu soċjali settorjali Ewropew	16
4.1 L-adattament tal-ambitu u d-daqs tal-kumitati	16
4.2 Ninvolve atturi ġodda biex nadattaw għall-bidla	16
4.3 L-inkoraġġiment tal-bilanċ bejn is-sessi	17
5. It-titjib tal-effiċjenza tal-kumitati għad-djalogu soċjali settorjali Ewropew	17
5.1 Is-sinergiji u l-informazzjoni bejn is-setturi.....	17
5.2 Twettiq effettiv u monitoraġġ tal-implimentazzjoni	18
5.3 L-użu aħjar tal-fondi Ewropej	20
6. Konklużjoni	20

- Anness I: Organizzazzjonijiet settorjali Ewropej tal-imsieħba soċjali kkonsultati skont l-Artikolu 154 (TFUE)
- Anness 2: Konsultazzjonijiet settorjali mill-2006 skont l-Artikolu 154
- Anness 3: Kategoriji ta' testi u riżultati tad-djalogu soċjali settorjali Ewropew
- Anness 4: Riżultati konġunti tal-kumitati Ewropej għad-djalogu soċjali
- Anness 5: Parteċipazzjoni ta' rappreżentanti tal-Istati Membri f'delegazzjonijiet li jipparteċipaw fil-laqgħat tal-kumitati għad-djalogu soċjali fil-plenarja
- Anness 6: Responsabbiltajiet fil-proċess ta' implimentazzjoni ta' ftehimiet awtonomi u testi orjentati lejn il-proċess
- Anness 7: Kunsilli Settorjali Ewropej għall-Impjiegi u l-Ħiliet
- Anness 8: L-involviment tal-imsieħba soċjali u kumitati settorjali għad-djalogu soċjali fil-proċedura ta' valutazzjoni tal-impatt tal-Kummissjoni
- Anness 9: Ħarsa ġenerali lejn il-klassifikazzjoni NACE għall-kumitati
- Anness 10: Numru ta' impjegati fl-UE fl-2008, skont is-settur

SOMMARJU EŻEKUTTIV

Dan id-dokument jimmira li jiskrutinizza l-kisbiet ewlenin tad-djalogu soċjali settorjali Ewropew u li jirrevedi l-funzjonament tal-kumitati għad-djalogu soċjali settorjali Ewropej. Jenfasizza d-dinamika, ir-riżultati u l-impatt potenzjali tal-ħidma tal-kumitati mill-1998, u jidentifika titjib possibbli bil-għan li jestendi l-ambitu u l-kwalità tal-proċessi ta' konsultazzjoni u ta' negozjati.

Sfond: Skont it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), il-Kummissjoni ħadet l-impenn li tippromwovi u tiffaċilita d-djalogu soċjali Ewropew fil-livelli kemm transindustrijali u kemm settorjali. Id-dimensjoni settorjali għandha tradizzjoni stabbilita sew fl-Istati Membri Ewropej u hija riflessa fl-istruttura tal-organizzazzjonijiet tal-imsieħba soċjali.

Abbażi tad-dispożizzjonijiet approvati bit-Trattat ta' Amsterdam, fl-1998, il-Kummissjoni stabbilixxiet il-qafas tad-djalogu soċjali settorjali Ewropew. Sussegwentement, il-Kummissjoni ħolqot 40 kumitat għad-djalogu soċjali Ewropew, li issa jkopru 145 miljun ħaddiem fl-Ewropa, f'setturi ta' importanza kruċjali (*pereżempju t-trasport, l-enerġija, l-agrikoltura, il-kostruzzjoni, il-kummerċ, is-sajd, is-servizzi pubbliċi, il-metall, it-tarzni, l-edukazzjoni, eċċ.*)

Il-kumitati għad-djalogu soċjali settorjali Ewropew huma fora għall-konsultazzjoni dwar il-politiki Ewropej. Huma wkoll għodod għal djalogu soċjali awtonomu fost l-imsieħba soċjali Ewropej li jistgħu jiżviluppaw azzjonijiet konġunti u jwettqu negozjati dwar kwistjonijiet ta' interess komuni, u b'hekk jikkontribwixxu direttament għat-tfassil tal-leġislazzjoni u l-politiki tax-xogħol tal-UE.

Ix-xogħol tal-kumitati fuq kwistjonijiet bħas-saħħa u s-sigurtà fix-xogħol, it-taħriġ vokazzjonali, il-ħiliet, l-opportunitajiet indaqs, il-mobbiltà, ir-responsabbiltà soċjali korporattiva, il-kundizzjonijiet tax-xogħol, l-iżvilupp sostenibbli, eċċ.

Riżultati u prospettivi: Il-kumitati pproduċew diversi tipi ta' riżultati, uħud vinkolanti, oħrajn le, inklużi ftehimiet implimentati permezz tal-leġislazzjoni Ewropea. In-numru ta' testi b'effetti legalment vinkolanti, li kien hemm qbil dwarhom, qed jiżdied hekk kif jgħaddi ż-żmien (mill-2004 biss, kien hemm qbil fuq erba' tali testi, l-istess numru ta' Direttivi ġodda adottati fil-qasam tal-impjieg u s-saħħa u s-sigurtà waqt dak il-perjodu).

Permezz tal-kisbiet tagħhom, dawn il-kumitati taw kontribut għat-titjib tal-politiki Ewropej tal-impjieg u dawk soċjali, kif ukoll tal-kundizzjonijiet tax-xogħol fl-Ewropa. Għandhom il-potenzjal li jkomplu jagħmlu dan. Tabilħaqq, l-esperjenza u l-kompetenza tagħhom fil-qasam tal-bidla ekonomika u soċjali fil-livell settorjali tista' tgħin fit-tfassil ta' politiki industrijali adegwati. Jistgħu jieħdu sehem fin-negozjati ta' ftehimiet li jgħinu fl-immodernizzar tar-relazzjonijiet industrijali. Jistgħu jiżviluppaw il-kontribut tagħhom fil-qafas strateġiku ta' 'Ewropa 2020', u b'hekk isaħħu s-sjieda u l-implimentazzjoni tal-istrateġija.

Jekk iridu li jsir titjib, l-imsieħba soċjali settorjali Ewropej u l-affiljati nazzjonali tagħhom għandhom ikomplu jagħtu attenzjoni lill-kapaċità amministrattiva tagħhom, lir-rappreżentanza u l-prestazzjoni tagħhom. Min-naħa tagħha l-Kummissjoni għandha tkompli tagħti l-appoġġ tagħha u twettaq monitaraġġ iktar mill-qrib, biex tiżgura sinerġiji aħjar bejn il-kumitati u kontribut iktar sinifikanti lejn il-politiki Ewropej.

1. INTRODUZZJONI

L-Unjoni Ewropea tirrikonoxxi d-djalogu soċjali bħala wieħed mill-pilastri tal-mudell soċjali Ewropew, u għodda ta' koeżjoni u reżiljenza soċjali. Dan kien ikkonfermat bid-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Lisbona. L-artikolu l-ġdid 152 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) jenfasizza l-impenn tal-Unjoni lejn il-promozzjoni tar-rwol tal-imsieħba soċjali Ewropej u l-appoġġ tad-djalogu soċjali. Jirrikonoxxi wkoll l-awtonomija tal-imsieħba soċjali Ewropej¹. Barra mid-djalogu soċjali transindustrijali, id-djalogu soċjali settorjali qed isir parti iktar importanti minn din l-għodda Ewropea ta' tmexxija.

Id-dimensjoni ta' konsultazzjoni tad-djalogu soċjali Ewropew ġiet rikonoxxuta fit-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Faħam u l-Azzar fl-1951, u t-Trattat ta' Ruma fl-1957. Id-dimensjoni tan-negozjati nbdiel bl-hekk imsejjaħ proċess ta' Val Duchesse² fl-1985 u kompliet tiġi elaborata fil-ftehim tal-imsieħba soċjali Ewropej dwar il-politika soċjali fl-1991. Dan wassal għall-protokoll soċjali anness mat-Trattat ta' Maastricht fl-1993 u inkorporat permanentement³ fit-Trattat Ewropew fl-1997.

Bħala segwitu l-Kummissjoni adottat il-Komunikazzjoni dwar l-adattament u l-promozzjoni tad-djalogu soċjali fil-livell Komunitarju⁴ u d-Deċiżjoni tal-20 ta' Mejju 1998, li tittratta b'mod speċifiku d-dimensjoni settorjali tad-djalogu soċjali Ewropew u toħloq kumitati għad-djalogu soċjali settorjali (*minn hawn 'il quddiem: 'kumitati'*). Dawn il-kumitati huma arena għall-bini tal-fiduċja, il-qsim tal-informazzjoni, id-diskussjoni, il-konsultazzjoni, in-negozjati u l-azzjonijiet konġunti.

Wara talba konġunta tal-imsieħba soċjali Ewropej li jaġixxu f'settur partikolari, il-Kummissjoni tkompli toħloq kumitati f'setturi li fihom il-kundizzjonijiet tad-Deċiżjoni tal-1998 jintlaħqu: l-imsieħba soċjali Ewropej għandu jkollhom membri affiljati nazzjonali f'diversi pajjiżi; l-affiljati nfushom għandhom ikunu rikonoxxuti bħala msieħba soċjali nazzjonali; (rappreżentanza fil-livell nazzjonali); għandhom ikunu jistgħu jinnegozjaw u jadottaw ftehimiet fil-livell Ewropew; (kapaċità ta' negozjati); għandu jkollhom strutturi adegwati u jkunu jistgħu jiżguraw parteċipazzjoni effettiva. Ir-rappreżentanza fil-livell Ewropew hija bbażata fuq kumbinazzjoni ta' dawn it-tliet kriterji u mmonitorjata regolarment mill-Kummissjoni⁵.

Sa issa l-Kummissjoni, waqqfet 40 kumitat. Permezz tad-deċiżjonijiet, id-dikjarazzjonijiet u l-ftehimiet tagħhom, il-kumitati jkopru kważi 145 miljun impjegat, jiġifieri iktar minn tliet kwarti tal-forza tax-xogħol Ewropea. Adottaw iktar minn 500 test⁶ ta' diversi naturi, vinkolanti fi gradi differenti, inklużi ftehimiet li għandhom jiġu implimentati fl-Istati Membri, permezz ta' direttivi Ewropej jew permezz ta' proċeduri nazzjonali stabbiliti. L-imsieħba soċjali Ewropej fl-isptarijiet, it-trasport marittimu, l-avjazzjoni ċivili u s-setturi ferrovjarji

¹L-Artikolu 152 tat-TFUE: '*L-Unjoni Ewropea tirrikonoxxi u tippromwovi r-rwol tal-imsieħba soċjali fil-livell tagħha, filwaqt li tqis id-diversità tas-sistemi nazzjonali. Għandha tiffaċilita d-djalogu bejn is-sħab soċjali, waqt li tirrispetta l-awtonomija tagħhom. Is-Samit bi tliet partijiet għat-Tkabir u l-Impjegi għandu jikkontribwixxi għad-djalogu soċjali.*'

²'Val Duchesse' huwa t-terminu użat biex jiddeskrivi l-emerġenza tad-djalogu soċjali Ewropew f'nofs is-snin 80, fejn il-laqgħa li nawguratu saret fil-kastell ibbażat fi Brussell ta' 'Val Duchesse'. Dan kien ir-riżultat ta' inizjattiva meħuda minn Jacques Delors, il-President tal-Kummissjoni, f'Jannar 1985, biex jistieden liċ-chairpersons u lis-segretarji ġenerali tal-organizzazzjonijiet nazzjonali kollha affiljati mal-imsieħba soċjali tal-UE (UNICE (illum BusinessEurope), CEEP u ETUC).

³L-Artikoli 154 u 155 tat-TFUE (qabel kienu l-Artikoli 138 u 139).

⁴Komunikazzjoni tal-Kummissjoni 'L-adattament u l-promozzjoni tad-djalogu soċjali fil-livell Komunitarju, COM(1998) 322 finali, 20.05.1998, u d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 98/500/KE annessa magħha; ĠU L 225, 12.08.1998, p. 27.

⁵Bl-assistenza tal-EUROFOUND u skont metodoloġija standardizzata

http://www.eurofound.europa.eu/eiro/comparative_index.htm

⁶Il-bażi ta' dejta tad-djalogu soċjali: <http://ec.europa.eu/social/main.jsp?catId=521&langId=mt>.

flimkien adottaw sitt ftehimiet dwar il-kundizzjonijiet tax-xogħol, il-ħin tax-xogħol u s-saħħa u s-sigurtà fix-xogħol li ġew implimentati permezz tad-Direttivi tal-Kunsill.

Il-kumitati, l-ewwel u qabel kollox, huma fora ta' diskussjoni u qbil dwar kif jistgħu jitjiebu l-kundizzjonijiet tax-xogħol u r-relazzjonijiet industrijali fis-setturi rispettivi tagħhom. Permezz ta' dan, jikkontribwixxu għall-modernizzazzjoni tal-politiki ekonomiċi u soċjali. L-imsieħba soċjali settorjali Ewropej għandhom kompetenzi partikolari fis-setturi tagħhom u fir-realtajiet fil-postijiet tax-xogħol tagħhom. Jinsabu f'pożizzjoni tajba biex jgħinu fit-trattament ta' kwistjonijiet bħall-amministrazzjoni tal-bidla, ir-ristrutturar, l-antiċipazzjoni tal-bżonnijiet tal-ħiliet u t-taħriġ, tranżizzjonijiet għax-xogħol, is-sigurtà u s-saħħa fix-xogħol, l-integrazzjoni tas-suq tax-xogħol, l-impjieg taż-żgħażaġħ, l-opportunitajiet indaqs u l-iżvilupp sostenibbli, kwistjonijiet rilevanti għall-istrateġija ta' Lisbona 2000-2010, u li se jkomplu jkunu parti mill-istrateġija 'Ewropa 2020'⁷. Huwa għalhekk li l-imsieħba soċjali settorjali Ewropej qed ikunu involuti dejjem iżjed fil-proċess ta' tfassil tal-politika.

Dan id-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tħejja wara konsultazzjoni mal-imsieħba soċjali Ewropej fl-2009. Il-konsultazzjoni pproduċiet 54 kontribut, li ġew diskussi ma' msieħba soċjali settorjali matul l-2009 u l-2010. Dan id-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal jevalwa dawn id-diskussjonijiet u jidentifika titjib possibbli bil-għan li jiffaċilita funzjonament aħjar tal-kumitati għad-djalogu soċjali settorjali Ewropew.

2. IL-KUMITAT GĦAD-DJALOGU SOĊJALI SETTORJALI EWROPEW

2.1 Id-dinamika tal-kumitati

Attwalment jeżistu 40 kumitat għad-djalogu soċjali settorjali Ewropew⁸ u diskussjonijiet rigward il-ħolqien possibbli ta' kumitati ġodda għall-portijiet u l-isport qegħdin fi stadju avvanzat⁹.

L-ewwel ġenerazzjoni ta' kumitati nibtet mill-kumitati ta' konsulenza u dawk konġunti, li twaqqfu bħala parti mit-Trattat li Jistabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Faħam u l-Azzar u l-ewwel passi lejn is-Suq Komuni (*l-azzar, il-minjieri, l-agrikoltura, is-sajd fl-ibħra*). Dawn il-kumitati mbagħad saru kumitati għad-djalogu soċjali settorjali wara d-Deċiżjoni tal-1998 biex isir dan.

It-tieni ġenerazzjoni ta' kumitati twaqqfet hekk kif is-suq intern beda jissawwar, b'iktar liberalizzazzjoni, privatizzazzjoni u mobbiltà transkonfinali tal-ħaddiema. Żviluppata fis-snin 90 bħala kumitati konġunti jew gruppi ta' ħidma informali, din il-ġenerazzjoni ta' kumitati ġiet formalizzata fl-1999 (*kostruzzjoni, banek, kummerċ, assikurazzjoni, servizzi postali, telekomunikazzjonijiet, elettriku, prestazzjoni ħajja*). Mis-sena 2000, il-mudell tal-kumitat għad-djalogu soċjali settorjali Ewropew ġie estiż għal setturi oħra, bħall-isptarijiet, il-forniment tal-ikel, it-tarzni, dak awdjoviżiv, l-industrija tal-kimika u l-metall, l-inġinerija u l-industrija bbażati fuq it-teknoloġija. L-iffukar prinċipali tagħhom huwa fuq kwistjonijiet bħall-

⁷<http://ec.europa.eu/eu2020/>.

⁸Din iċ-ċifra tinkludi wkoll is-settur tal-amministrazzjonijiet ċentrali li temm b'suċċess il-fażi ta' prova fl-2010.

Ara wkoll: Id-dinamika tad-djalogu soċjali settorjali Ewropew, Eurofound, 2009,

<http://www.eurofound.europa.eu/pubdocs/2008/98/en/2/EF0898EN.pdf>.

⁹L-imsieħba soċjali fl-industrija agroalimentari qed jesploraw ukoll il-possibbiltà ta' kumitat għad-djalogu soċjali settorjali wara rakkomandazzjoni mill-grupp ta' livell għoli għall-kompetittività tal-industrija agroalimentari.

kwalifiki u l-mobbiltà tal-ħaddiema, is-saħħa u sigurtà, in-nuqqas ta' ħiliet, jew mezzi kif il-politiki Ewropej jiġu influwenzati.

Minkejja d-differenzi kbar fost is-setturi fir-rigward sa fejn jestendu l-attivitajiet tagħhom madwar l-UE, id-daqs tal-organizzazzjonijiet involuti fihom, u l-istruttura tal-organizzazzjonijiet tal-imsieħba soċjali¹⁰, il-kumitati, imwaqqfa fl-1998, provdew qafas komuni li jista' jospita diversi forum ta' djalogu soċjali bl-użu ta' metodi ta' ħidma u formati ta' laqgħat differenti.

Il-kumitati kollha għandhom ċerti elementi komuni. Organizzazzjonijiet Ewropej li għandhom għanijiet, aġendi u programmi ta' ħidma komuni, u li jirrikonoxxu lil xulxin jistgħu, jekk ikunu jixtiequ jiffurmaw kumitat, jippreżentaw talba konġunta lill-Kummissjoni, li tevalwa r-rappreżentanza tagħhom. Imbagħad se tipprovdi appoġġ loġistiku u operazzjonali. Għall-imsieħba soċjali Ewropej li jixtiequ jippruvaw id-djalogu settorjali b'mod provviżorju qabel jimpenjaw ruħhom formalment, il-Kummissjoni pproponiet fażi ta' prova preliminari. Din toffri iktar flessibbiltà, u ġiet użata fil-każ tal-*amministrazzjonijiet ċentrali*.

Tali proċess jgħin fl-integrazzjoni tal-prinċipji tad-djalogu soċjali Ewropew kemm fil-livell Ewropew u kemm f'dak nazzjonali. Jikkontribwixxi għall-bini tal-fiduċja, l-iżvilupp ta' approċċ ta' sħubija u l-inkoraġġiment ta' strutturi adegwati mal-organizzazzjonijiet tal-imsieħba soċjali rappreżentattivi. Fażi ta' prova tista' tippermetti lill-imsieħba soċjali jiskopru l-politiki Ewropej u jifhmu l-missjonijiet u l-kapaċitajiet tal-Kummissjoni.

¹⁰Fir-rigward tal-organizzazzjonijiet tal-imsieħba soċjali li jipparteċipaw fil-kumitati, id-delegazzjonijiet ta' min iħaddem ħafna drabi jkunu rappreżentati minn diversi organizzazzjonijiet għal industrija unika (avjazzjoni ċivili jew banek). F'setturi oħra tal-ekonomija, hija storja iktar ikkumplikata, billi min iħaddem jista' jirrappreżenta partijiet tas-suq konfliġġenti (foqsma ekonomiċi li ġew privatizzati). Dawk li jħaddmu huma maqsuma fost 62 organizzazzjoni settorjali Ewropea differenti. Din is-sitwazzjoni tikkuntrasta man-naħa trejdunjistika, li hija ħafna iktar integrata (17), jiġifieri fil-Konfederazzjoni Ewropea tat-Trejdunjins u l-federazzjonijiet settorjali kbar tagħha. Barra minn hekk, id-delegazzjonijiet tal-kumitati jistgħu jinkludu organizzazzjonijiet li huma rikonoxxuti bħala msieħba soċjali settorjali Ewropej mill-Kummissjoni, u kif ukoll rappreżentanti ta' msieħba soċjali oħra li jżidu rappreżentanza kumplementarja.

Tabella 1: L-istabbiliment tal-kumitati għad-djalogu soċjali settorjali Ewropej (SSDC)

	Setturi (40)	L-imsieħba soċjali settorjali Ewropej		Struttura Informali	SSDC Formali
		Impjegati (17)	Min iħaddem (62)		
L-ewwel ġenerazzjoni	L-azzar	L-EMF	Il-Eurofer	1951*	2006
	L-industriji tal-estrazzjoni	L-EMCEF	L-APEP, il-EURACOAL, il-UEPG, l-IMA, il-Euromines	1952*	2002
	L-agrikoltura	L-EFFAT	Il-GEOPA/il-COPA	1964**	1999
	It-trasport bit-triq	L-ETF	L-IRU	1965**	2000
	Il-kanali interni	L-ETF	L-EBU, l-ESO	1967**	1999
	Il-linji ferrovjarji	L-ETF	Is-CER, l-EIM	1972**	1999
	Is-sajd fl-ibhra	L-ETF	Il-Europêche, il-COGECA	1974**	1999
	It-trasport marittmu	L-ETF	L-ECSA	1987**	1999
It-tieni generazzjoni	Iz-zokkor	L-EFFAT	Is-CEFS	1969	1999
	Iż-żraben	L-ETUF: TCL	Is-CEC	1982	1999
	Horeca/Turiżmu	L-EFFAT	Hotrec	1983	1999
	Il-kummerċ	Il-UNI europa	Il-EuroCommerce	1985	1999
	L-assikurazzjoni	Il-UNI europa	Is-CEA, il-BIPAR, l-AMICE	1987	1999
	It-telekomunikazzjonijiet	Il-UNI europa	L-ETNO	1990**	1999
	Bankarju	Il-UNI europa	L-EBF-BCESA, l-ESBG, l-EACB	1990	1999
	L-avjazzjoni ċivili	L-ECA, l-ETF	L-ACI-Europe, l-AEA, il-CANSO ERA, l-IACA, l-IAHA,	1990**	2000
	L-industrija tat-tindif	Il-UNI europa	L-EFCI	1992	1999
	Il-Kostruzzjoni	L-EFBWW	Il-FIEC	1992	1999
	It-tessuti/hwejjeg	L-ETUF:TCL	Il-Euratex	1992	1999
	Is-sigurtà privata	Il-UNI europa	Il-CoESS	1993	1999
	Is-servizzi postali	Il-UNI europa	Il-PostEurop	1994**	1999
	Ix-xogħol fl-injam	L-EFBWW	Is-CEI-Bois	1994	2000
	L-elettriku	L-EPSU, l-EMCEF	Il-Eurelectric	1996	2000
	Is-servizzi personali	Il-UNI europa	Il-Coiffure EU	1998	1999
	L-ikkonzar u l-ġilda	L-ETUF:TCL	Il-COTANCE	1999	2001
	Il-prestazzjoni ħajja	L-EAEA	Il-Pearle		1999
	Ix-xogħol temporanju	Il-UNI europa	Il-Eurociett		1999
	L-għamara	L-EFBWW	Il-UEA, l-EFIC		2001

It-tielet generazzjoni	Il-bini tal-vapuri	L-EMF	Is-CESA		2003
	Awdjoviziv	Il-EUROMEI, l-EFJ, il-FIA, l-IFM	L-EBU, l-ACT, l-AER, is-CEPI, l-FIAPF		2004
	L-industrija tal-kimika	L-EMCEF	L-ECEG		2004
	Il-Gvernijiet Lokali u Reġjonali	L-EPUSU	Is-CEMR	1996	2004
	L-isptarijiet	L-EPUSU	Il-HOSPEEM		2006
	Il-forniment tal-Ikel	L-EFFAT	Il-FERCO	1998	2007
	Il-gass	L-EMCEF, l-EPUSU	Il-EUROGAS		2007
	Il-futbol professjonali	Il-FIFPro	L-EPFL, l-ECA		2008
	Il-metall***	L-EMF	Is-CEEMET	2006	2010
	Il-karta	L-EMCEF	Is-CEPI		2010
	L-edukazzjoni	L-ETUCE	L-EFEE		2010
	<i>L-Amministrazzjonijiet Ċentrali</i>	<i>It-TUNED (l-EPUSU+is-CESI)</i>	<i>Il-EUPAN (In-netwerk Ewropew tal-amministrazzjonijiet pubbliċi)</i>	<i>Fażi ta' prova (2008-2010)</i>	

* Kumitati konsultattivi skont it-Trattat KEFA **Kumitati konġunti skont it-Trattat ta' Ruma

*** L-industriji bbażati fuq il-metall, l-ingenierija u t-teknoloġija

2.2 Id-diversità u r-rilevanza tar-riżultati

Fil-Komunikazzjoni tagħha tal-1998, il-Kummissjoni qalet li l-kumitati għad-djalogu soċjali settorjali Ewropej kienu għodda għal konsultazzjonijiet, negozjati u azzjonijiet konġunti. Fl-2004, il-Kummissjoni ssuġġerixxiet tipoloġija¹¹ biex tikklassifika r-riżultati tad-djalogu soċjali. Dan enfażizza li l-valur miżjud ta' test ma jiddependix biss fuq jekk ikunx vinkolanti jew le, iżda fuq is-segwitu operazzjonali u l-implimentazzjoni effettiva tiegħu.

Ir-riżultati jistgħu jkunu:

- (1) **ftehimiet** (*sew jekk implimentati permezz ta' direttivi Ewropej u sew jekk le*) li huma vinkolanti u li għandhom jiġu segwiti u mmonitorjati, billi huma bbażati fuq l-Artikolu 155 tat-Trattat ta' Lisbona;
- (2) **testi orjentati lejn il-proċess** (*oqfsa ta' azzjoni, linji gwida, kodiċijiet ta' kondotta, orjentazzjonijiet politiċi*), li, għalkemm mhumiex legalment vinkolanti, għandhom jiġu segwiti, u l-progress fl-implimentazzjoni tagħhom għandu jiġi vvalutat regolarment;
- (3) **opinjonijiet u għodod konġunti**, intenzjonati li jinfluenzaw il-politiki Ewropej u jgħinu fit-tixtrid tal-għerf.

Ħafna mit-testi adottati mill-kumitati għad-djalogu soċjali settorjali Ewropej jikkonsistu minn għodod tekniċi li jgħinu jagħtu dimensjoni Ewropea lil kwistjonijiet speċifiċi (*pereżempju sit elettroniku komuni dwar l-assenjar tal-ħaddiema fis-settur tal-kostruzzjoni; CVs vokazzjonali komuni fl-agrikoltura; gwida u rappurtaġġ regolari dwar ristrutturar responsabbli fl-industrija taz-zokkor, eċċ*). Id-djalogu soċjali settorjali Ewropew adotta wkoll ftehimiet vinkolanti li huma implimentati permezz ta' direttivi Ewropej jew permezz ta' proċeduri interni, kemm fil-livell settorjali u kemm f'dak plurisettorjali.

¹¹ Komunikazzjoni mill-Kummissjoni dwar *is-Sħubija għal bidla f'Ewropa mkabbra – Titjib tal-kontribut tad-djalogu soċjali Ewropew* COM(2004) 557 finali tat-12 ta' Awwissu 2004.

Il-funzjonament ġenerali tal-kumitati ma jistax jiġi vvalutat esklużivament fuq il-bażi tan-numru ta' testi li dawn jipproduċu. Miżuri konkreti li jittieħdu f'livell nazzjonali jew ta' kumpanija jista' jkun li mhux dejjem jiġu ddokumentati u ħafna mir-riżultati huma ta' natura pjuttost kwalitattiva, li jimmiraw li jqajmu kuxjenza, jappoġġjaw id-djalogu soċjali fil-livell nazzjonali/reġjonali jew ta' kumpanija, jew jinfluwenzaw it-tfassil tal-politika. Testi konġunti, preżentazzjonijiet ta' prattiki tajba jew involviment fi proġetti komuni (seminars, konferenzi, studji, workshops) joffru opportunitajiet għall-imsieħba soċjali biex jitgħallmu minn xulxin u jibnu l-fiduċja.

Opinjonijiet konġunti u kontribuzzjonijiet komuni għall-konsultazzjoni wrew ukoll li huma għodod effettivi biex jinfluwenzaw il-politiki Ewropej jew jiddefendu l-interess ta' settur, pereżempju, fid-dibattiti dwar id-direttivi dwar l-assenjazzjoni tal-haddiema¹² u dwar is-servizzi fis-suq intern¹³ fis-settur tal-kostruzzjoni.

¹² Id-Direttiva 96/71/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 1996 dwar l-impjieg ta' ħaddiema fil-qafas ta' prestazzjoni ta' servizzi.

¹³ Id-Direttiva 2006/123/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2006 dwar is-servizzi fis-suq intern.

Tabella 2: Eżempji ta' għodod u riżultati sinifikanti mill-kumitati għad-djalogu soċjali settorjali Ewropew (2006-2010)

L-agrikoltura	Ftehim ta' qafas dwar it-tnaqqis tal-esponiment tal-ħaddiema għar-riskju ta' mard muskoskeletal relatat max-xogħol (2006)
L-avjazzjoni ċivili	Linji gwida għal arranġamenti għal konsultazzjoni għal taqsimiet funzjonali ta' spazju tal-ajru (2007)
Il-kummerċ	Għodda għall-prevenzjoni ta' vjolenza minn partijiet terzi fil-kummerċ (2009)
Il-kostruzzjoni	Rakkomandazzjonijiet dwar l-impjeg indipendenti u impjeg indipendenti falz (2010) 'Bażi ta' dejta tal-impjiegi' komuni (2008)
Il-forniment tal-ikel	Stqarrija komuni dwar l-obeżità (2007)
L-elettriku	Għodda għal ristrutturar soċjalment responsabbli bi gwida dwar l-aqwa prattiki (2008)
Il-gass	Għodda dwar it-tibdil demografiku, il-ġestjoni tal-età u l-kompetenzi (2009)
L-isptarijiet	Kodiċi ta' kondotta u segwitu dwar ir-reklutaġġ u ż-żamma transkonfinali etiċi (2008)
L-industrija tat-tindif	Manwal dwar l-ergonomija f'operazzjonijiet ta' tindif (2007)
L-assigurazzjoni	Dikjarazzjoni konġunta dwar l-isfidi demografiċi (2010)
Il-gvernijiet lokali u reġjonali	Linji gwida għat-tfassil ta' pjanijiet ta' azzjoni għall-ugwaljanza bejn is-sessi (2007)
Is-servizzi personali	Ftehim dwar l-implimentazzjoni taċ-ċertifikati Ewropej tal-hairdressing (2009)
Is-sigurtà privata	Għodda Ewropea tal-edukazzjoni għal tliet attivitajiet/profili ta' sigurtà privata: 1. Sorveljanza, 2. Ċentri ta' rispons għall-allarm, 3. Sigurtà fl-ajruporti (2006)
Il-linji ferrovjarji	Il-kunċett ta' impjegabbiltà fis-settur ferrovjarju — Rakkomandazzjonijiet (2007) Rakkomandazzjonijiet konġunti għal rappreżentazzjoni u integrazzjoni aħjar tan-nisa fis-settur ferrovjarju (2007)
Is-sajd fl-ibħra	Handbook dwar il-prevenzjoni tal-aċċidenti fuq il-baħar u s-sigurtà tas-sajjieda (2007)
Iz-zokkor	Il-ħames rapport ta' implimentazzjoni (2007) dwar il-kodiċi ta' kondotta dwar ir-responsabbiltà korporattiva soċjali

L-industrija tal- ġilda/ikkonzar	Standard ta' rappurtaġġ soċjali u ambjentali (2008)
It- telekomunikazzjon ijiet	Id-diversità applikata: reviżjoni ta' prattiki tajba (2007)
It-tessuti u l- ħwejjeġ	Rakkomandazzjonijiet: kif tiżgura antiċipazzjoni u ġestjoni aħjar tal-bidla industrijali u r-ristrutturar settorjali (2008)

Tabella 3: Ftehimiet Ewropej settorjali u plurisettorjali (implimentati permezz ta' direttivi tal-UE jew proċeduri interni)

Setturi	Ftehimiet
L- isptarijiet	Id-DIRETTIVA TAL-KUNSILL 2010/32/UE tal-10 ta' Mejju 2010 li timplimenta l-Ftehim Qafas dwar il-prevenzjoni ta' korrimenti kkawżati minn oġġetti li jaqtgħu fis-settur tal-isptarijiet u l-kura tas-saħħa li ġie konkluż mill-HOSPEEM u l-EPSU
It-trasport Marittimu	Id-DIRETTIVA TAL-KUNSILL 2009/13/KE tas-16 ta' Frar 2009 li timplimenta l-Ftehim konkluż mill-Assoċjazzjonijiet tas-Sidien tal-Bastimenti tal-Komunità Ewropea (ECSA) u l-Federazzjoni Ewropea tal-Ħaddiema tat-Trasport (ETF) dwar il-Konvenzjoni dwar ix-Xogħol Marittimu , 2006, u li temenda d-Direttiva 1999/63/KE Id-DIRETTIVA TAL-KUNSILL 1999/63/KE tal-21 ta' Ġunju 1999 dwar il-Ftehim dwar l-organizzazzjoni tal-ħin ta' xogħol tal-baħħara konkluż mill-Assoċjazzjoni tas-Sidien tal-Vapuri tal-Komunità Ewropea (AKESB) u l-Federazzjoni tal-Unjonijiet tal-Ħaddiema tat-Trasport fl-Unjoni Ewropea (FUHT)
Il-linji ferrovjarji	Id-DIRETTIVA TAL-KUNSILL 2005/47/KE tat-18 ta' Lulju 2005 dwar il-Ftehim bejn il-Komunità ta' Ferroviji Ewropej (CER) u l-Federazzjoni Ewropea għall-Ħaddiema tat-Trasport (ETF) dwar ċerti aspetti tal-kundizzjonijiet tax-xogħol ta' ħaddiema mobbli assenjati għal servizzi transkonfini interoperabbli fis-settur tal-ferroviji
L- avjazzjoni ċivili	Id-DIRETTIVA TAL-KUNSILL 2000/79/KE tas-27 ta' Novembru 2000 dwar il-Ftehim Ewropew fuq l-Organizzazzjoni tal-Ħinijiet tax-Xogħol ta' Ħaddiema Mobbli fl-Avjazzjoni Ċivili konkluż mill-Assoċjazzjoni tal-Linji tal-Ajru Ewropej (AEA), il-Federazzjoni Ewropea tal-Ħaddiema tat-Trasport (ETF), l-Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kabini tal-Piloti (ECA), l-Assoċjazzjoni Ewropea tal-Linji tal-Ajru Reġjonali (ERA) u l-Assoċjazzjoni Internazzjonali tat-Trasportazzjoni bl-Arju (IACA)
14-il settur industrijali	Ftehim dwar il-ħarsien tas-saħħa tal-ħaddiema permezz tat-trattament u l-użu tajjeb tas-silika kristallina u prodotti li fihom is-silika kristallina (iffirmat fil-25 ta' April 2006)

2.3 L-adattament għat-tkabbir

Fil-kuntest tat-tkabbir reċenti (2004 u 2007), l-organizzazzjonijiet kollha tal-imsieħba soċjali settorjali Ewropej estendew is-sħubija tagħhom għal imsieħba soċjali settorjali rilevanti fl-Istati Membri l-ġodda.

Il-Kummissjoni hija konxja b'mod sħiħ li l-promozzjoni tad-djalogu soċjali settorjali Ewropew fis-27 Stat Membru hija sfida, billi l-imsieħba soċjali settorjali Ewropej jirrappreżentaw organizzazzjonijiet nazzjonali membri li joperaw f'pajjiżi differenti, jużaw lingwi differenti, u huma suġġetti għal realtazji soċjoekonomiċi differenti, f'sistemi ta' relazzjonijiet industrijali nazzjonali differenti¹⁴. Barra minn hekk, id-dimensjoni settorjali għan-negozjar kollettiv kienet pjuttost sottożviluppata f'ħafna mill-Istati Membri. Huwa għalhekk li l-Kummissjoni appoġġjat l-inizjattivi tal-imsieħba soċjali Ewropej u dawk nazzjonali biex itejbu l-kapaċità amministrattiva tal-imsieħba soċjali, partikolarment fir-reġjuni ta' konverġenza, u jippromwovu l-estensjoni tad-djalogu soċjali Ewropew fl-Istati Membri l-godda¹⁵.

L-involviment attiv tal-imsieħba soċjali nazzjonali kollha huwa essenzjali għall-iżgurar li l-proċess tad-djalogu soċjali Ewropew ikun leġittimu, u jikseb riżultati u segwitu effettivi fil-livell nazzjonali fl-Istati Membri kollha. L-imsieħba soċjali Ewropej għamlu progress fl-iżgurar li membri affiljati mill-Istati Membri jieħdu sehem fid-delegazzjonijiet tagħhom, iżda għad hemm ħafna xi jsir, pereżempju fis-setturi li għadhom iddominati bil-kbir minn operaturi ekonomiċi tradizzjonali u li ħafna drabi jkunu tal-istat.

3. IT-TITJIB TAD-DIMENSIJONIJIET TA' KONSULTAZZJONI U TA' NEGOZJATI TAL-KUMITATI GĦAD-DJALOGU SOĊJALI SETTORJALI EWROPEW

3.1 Il-kapaċità konsultattiva u amministrattiva tal-imsieħba soċjali Ewropej

L-imsieħba soċjali Ewropej qed ikunu involuti dejjem iżjed fil-proċess Ewropew ta' tfassil tal-politika.

Skont l-Artikolu 154 tat-Trattat ta' Lisbona, l-imsieħba soċjali Ewropej jiġu kkonsultati mill-Kummissjoni dwar il-prinċipju u l-kontenut ta' kull inizjattiva ta' politika soċjali Ewropea. Fis-snin reċenti, il-pass u l-għadd ta' dawn il-konsultazzjonijiet formali żdied (ara l-anness 2). Barra minn hekk, l-imsieħba soċjali Ewropej jiġu kkonsultati mis-servizzi tal-Kummissjoni li jitrattaw il-politiki settorjali (*bħal pereżempju n-negozju, is-suq intern, l-edukazzjoni, il-politiki industrijali jew tat-trasport*).

Il-Kummissjoni żviluppat metodoloġija u proċedura għal **Valutazzjoni tal-Impatt** tal-inizjattivi kollha tagħha. Il-linji gwida ta' valutazzjoni jinkludu referenza speċifika għal konsultazzjoni tal-kumitati għad-djalogu soċjali settorjali Ewropew, filwaqt li jagħtuhom opportunità ġdida biex jikkontribwixxu għat-tiswir tal-politiki Ewropej¹⁶. Biex l-imsieħba

¹⁴ Wara t-tkabbir, l-imsieħba soċjali Ewropej, xi drabi, kienu jinkludu atturi ġodda li mhux dejjem ikollhom il-kapaċità li jinnegozjaw b'mod kollettiv.

¹⁵ Il-Fond Soċjali Ewropew (FSE) jista' jappoġġja sinifikattivament l-inizjattivi mmirati lejn it-tisħiħ tal-kapaċità amministrattiva tal-organizzazzjonijiet tal-imsieħba soċjali fl-Istati Membri l-ġodda. Barra minn hekk, il-linji baġitarji tal-Kummissjoni għad-djalogu soċjali u r-relazzjonijiet industrijali appoġġjaw proġetti speċifiċi fil-livelli settorjali. Ġew organizzati laqgħat ta' diskussjoni u żjarat fil-pajjiżi minn iktar minn tnax-il kumitat (ara r-rapport tal-Kummissjoni tal-2008 dwar ir-Relazzjonijiet Industrijali fl-Ewropa, il-Kapitolu 8). Bl-appoġġ tal-Kummissjoni Ewropea, l-imsieħba soċjali fis-setturi tat-tessuti u l-ħwejjeġ u l-ikkonzar u l-ġilda wettqu żewġ proġetti, bejn l-2006 u l-2008, bil-għan li jinkoraġġixxu l-parteċipazzjoni sħiħa tal-imsieħba soċjali settorjali mill-Istati Membri l-ġodda u l-Pajjiżi Kandidati fid-djalogu settorjali Ewropew u jirrinforzaw il-kapaċità amministrattiva tagħhom. Dawn l-azzjonijiet ġew konklużi bl-iffirmar tal-Pjanijiet ta' Azzjoni Nazzjonali u l-implimentazzjoni tagħhom.

¹⁶ http://ec.europa.eu/governance/impact/commission_guidelines/commission_guidelines_en.htm

Biex tippermetti konsultazzjoni trasparenti u effettiva, il-Kummissjoni se tippubblika lista tal-valutazzjonijiet tal-impatt kollha ppjanati, flimkien mal-programm ta' ħidma tal-Kummissjoni.

jkunu effettivi f'dan ir-rwol il-ġdid, għandhom ikunu kapaċi jipproduċu reazzjonijiet f'waqthom għal tali konsultazzjonijiet.

L-imsieħba soċjali settorjali Ewropej jistgħu jilagħbu rwol attiv fil-promozzjoni tan-netwerking ta' osservatorji settorjali nazzjonali, korpi u rappreżentanti oħra minn fornituri tal-edukazzjoni u t-taħriġ bil-għan li jaqsmu l-informazzjoni u l-aqwa prattiki fil-livell Ewropew dwar ix-xejriet fil-bżonnijiet fl-impjiegi u l-ħiliet (ara l-Anness 7). Tali proġetti bi prova ta' networking se jitnedew dalwaqt f'ċerti setturi, bil-parteċipazzjoni attiva tal-imsieħba soċjali Ewropej. Bħala segwitu għall-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-2008 dwar Ħiliet Ġodda għal Impjiegi Godda¹⁷ u fil-Komunikazzjoni ta' Ġunju 2009 *Impenn kondiviż għall-impjiegi*¹⁸, il-Kummissjoni esplorat il-possibbiltà tat-twaqqif ta' **Kunsill Ewropew għall-Ħiliet u l-Impjiegi**. Din l-inizjattiva kienet rakkomandata wkoll bħala waħda mill-azzjonijiet prinċipali tagħha mill-grupp ta' esperti dwar Ħiliet Ġodda għal Impjiegi Godda¹⁹ u kienet appoġġjata mill-Kummissjoni Konsultattiva dwar il-Bidla Industrijali fil-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew²⁰.

Biex ikun hemm rispons pożittiv għas-sejħiet li qed jiżdiedu għal parteċipazzjoni u konsultazzjoni, l-imsieħba soċjali Ewropej għandu jkollhom il-kapaċità li jiżguraw li l-konsultazzjonijiet jiġu kkoordinati fost il-membri tagħhom, kif ukoll li jkunu kapaċi jagħtu riżultati u kontributi. Madankollu, il-kapaċità tagħhom tiddependi fuq dik tal-affiljati nazzjonali tagħhom li l-preġi u r-riżorsi tagħhom jistgħu jkunu limitati, jew li l-istrutturi tagħhom jista' jkun li jkunu għandhom qed jevolvu partikolarment, fl-Istati Membri l-ġodda u f'setturi li qed jesperjenzaw bidla strutturali, inkluż id-dħul ta' atturi ġodda. Huwa kruċjali li l-imsieħba soċjali settorjali nazzjonali u l-awtoritajiet jivviluppaw u jivvalutaw il-kapaċità tagħhom stess, parzjalment billi jagħmlu użu sħiħ mill-fondi Ewropej mill-intestaturi baġitarji għad-djalogu soċjali u l-Fond Soċjali Ewropew²¹. Minħabba r-rwol prinċipali li l-imsieħba soċjali settorjali Ewropej jistgħu jilagħbu fil-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet, din il-kwistjoni tal-kapaċità hija ta' importanza kbira.

3.2 Negożjati u l-kapaċità li jiġu nnegożjati l-ftehimiet

Flimkien mal-leġiżlazzjoni soċjali Ewropea, id-djalogu soċjali Ewropew huwa strument ewlieni għat-titjib tal-istandards tax-xogħol fl-Unjoni Ewropea u l-kontribut għall-immodernizzar tas-swieq tax-xogħol.

Mit-Trattat ta' Amsterdam²², id-djalogu soċjali Ewropew kellu l-kapaċità li jkun sors awtonomu ta' leġiżlazzjoni ta' politika soċjali Ewropea. L-imsieħba soċjali Ewropej jistgħu jadottaw ftehimiet li jistgħu jiġu implimentati permezz ta' Direttiva tal-Kunsill, li tagħmilhom legalment vinkolanti għal min iħaddem u l-ħaddiema kollha fl-Ewropa ladarba jiġu trasposti fil-leġiżlazzjoni nazzjonali jew ftehimiet kollettivi (*l-effett 'erga omnes'*); jistgħu jadottaw ukoll ftehimiet awtonomi li għandhom jiġu implimentati permezz ta' proċeduri nazzjonali

¹⁷ Ħiliet Ġodda għal Impjiegi Ġodda: Azzjoni Issa

<http://ec.europa.eu/social/main.jsp?langId=en&catId=89&newsId=697&furtherNews=yes>

¹⁸ COM (2009) 257 finali: *Impenn Kondiviż għall-Impjiegi*

¹⁹ Ħiliet Ġodda għal Impjiegi Ġodda: Azzjoni Issa

<http://ec.europa.eu/social/main.jsp?langId=en&catId=89&newsId=697&furtherNews=yes>

²⁰ Opinjoni spjegattiva CCMI/68 adottata fis-17/02/2010 dwar *it-Tlaqqigħ tal-ħiliet mal-bżonnijiet tal-industrija u servizzi li qed jevolvu — introduzzjoni possibbli ta' kunsilli għall-ħiliet tax-xogħol ibbażati fis-settur fil-livell Ewropew*.

²¹ L-Artikolu 5§3 tar-Regolament (KE) Nru (1081/2006) tal-31 ta' Lulju 2007: "*Skont l-oġġettiv ta' Konverġenza, ammont adegwat ta' riżorsi tal-FSE għandhom jiġu allokat li għall-bini tal-kapaċità, li għandu jinkludi b'mod partikolari, miżuri ta' networking, tisħiħ tad-djalogu soċjali u attivitajiet li jitwettqu b'mod konġunt mill-imsieħba soċjali, partikolarment fir-rigward tal-adattabilità tal-ħaddiema u l-intrapriżi msemmija fl-Artikolu 3(1)(a).*

²² L-Artikolu 155 TFUE (qabel l-Artikolu 139).

stabbiliti. Fil-każ tal-aħħar, il-ftehimiet huma vinkolanti biss għall-firmatarji u l-affiljati magħhom (*l-effett 'relattiv'*)²³.

Fil-Komunikazzjoni tagħha tal-1998 dwar id-djalogu soċjali Ewropew, il-Kummissjoni inkoraġġixxiet l-iżvilupp ta' azzjonijiet u negozjati konġunti fil-livell kemm transindustrijali u kemm settorjali. Enfasizzat b'mod partikolari l-potenzjal tad-djalogu soċjali settorjali Ewropew. Bħala riżultat, il-kapaċità li jiġu nnegozjati ftehimiet fil-livell Ewropew kienet inkludja mal-kundizzjonijiet għall-parteċipazzjoni f'kumitat. Din id-dimensjoni ta' negozjati wriet li hi tassew utli għall-imsieħba soċjali settorjali Ewropej biex jippermettu l-adattament tar-regoli ġenerali tal-UE dwar il-ħin tax-xogħol għaċ-ċirkostanzi speċifiċi fis-setturi tagħhom, bħal pereżempju l-linji ferrovjarji, l-avjazzjoni ċivili jew it-trasport marittimu. Tnedew ukoll negozjati dwar id-djalogu soċjali settorjali biex ikun hemm tħejjija għal konsultazzjonijiet dwar inizjattivi leġislattivi possibbli (*ftehimiet dwar il-protezzjoni tal-ħaddiema minn feriti kkawżati minn affarijiet bil-ponta fl-isptarijiet, mit-trabijiet tas-silika kristallina fl-industrija, jew dwar l-implimentazzjoni tal-konvenzjoni marittima tal-ILO*).

Żviluppi iktar reċenti jissuġġerixxu li numru ta' ftehimiet settorjali jistgħu jkomplu jikbru anki aktar u li tali negozjati qed ikunu dejjem iktar indipendenti minn konsultazzjonijiet formali mibdija mill-Kummissjoni. Se jinbnew negozjati u diġà hemm uħud għaddejjin f'firxa ta' setturi inkludja s-servizzi personali, il-futbol professjonali, il-kanali interni u s-sajd fl-ibħra.

Madankollu, l-imsieħba soċjali settorjali jista' jkun li għadhom ma sfruttawx b'mod sħiħ il-potenzjal li dan il-qafas joffri għan-negozjati settorjali. Pereżempju, setturi prinċipali li fihom kumpaniji transnazzjonali kbar huma prevalenti (*l-azzar, it-telekomunikazzjonijiet, l-industrija tal-kimika, l-avjazzjoni ċivili*) hemm tendenza li jagħtu inqas attenzjoni għal-livell settorjali Ewropew billi l-imsieħba soċjali jippreferu jinnegozjaw b'mod dirett fil-livell tal-kumpanija, inkludja anki fil-Kunsilli Ewropej għax-Xogħol). Is-settur pubbliku kien assenti wkoll minn negozjati settorjali sakemm il-ftehim ta' riferiment dwar il-feriti kkawżati minn oġġetti bil-ponta fis-settur tal-isptar tlesta fl-2009.

Sakemm ikunu ġġustifikati għal raġunijiet ta' sussidjarjetà, soluzzjonijiet regolatorji flessibbli huma meħtieġa fil-livell tal-UE biex jittrattaw il-kumplexità li dejjem qed tiżdied tad-dinja tax-xogħol tal-lum²⁴. Kwistjonijiet bħas-saħħa u s-sigurtà, il-kundizzjonijiet tax-xogħol, u l-ħin tax-xogħol għandhom dimensjoni settorjali speċifika ċara f'ċerti każijiet. Il-kapaċità tal-imsieħba soċjali settorjali li jinnegozjaw kompromessi bbilanċjati u l-kompetenza tagħhom fil-prattika jistgħu jgħinuhom jilagħbu rwol tassew effettiv fl-indirizzar ta' kwistjonijiet speċifiċi fil-livell settorjali meta dawn ikunu komuni għal kulħadd, jew tal-inqas għal ħafna mill-Istati Membri. Il-Kummissjoni hija ħerqana li tkompli tipprovdi appoġġ tekniku u finanzjarju għal tali negozjati meta dan ikun meħtieġ. Billi l-konsistenza mal-liġi Ewropea u l-kwalità fl-abbozzar legali huma partikolarment importanti biex il-ftehimiet jiġu implimentati permezz ta' Direttivi Ewropej, il-Kummissjoni hija lesta li tipprovdi assistenza legali waqt in-negozjati fejn ikun xieraq.

²³ Din l-għażla ma teskludix l-ftehim milli jiġi applikat jew traspost, totalment jew parzjalment, permezz ta' leġislazzjoni fil-livell nazzjonali: ara d-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni tat-2 ta' Lulju 2008: Rapport dwar l-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Qafas dwar it-Telework SEC(2008) 217 tal-imsieħba soċjali Ewropej.

²⁴ Kif muri minn kwistjonijiet bħas-saħħa u s-sigurtà fil-post tax-xogħol jew il-ħin tax-xogħol, id-dimensjoni settorjali hija parti sinifikanti minn din il-kumplexità.

4. IT-TITJIB TAL-KOPERTURA U R-RAPPREŻENTANZA TAL-KUMITATI GĦAD-DJALOGU SOĠJALI SETTORJALI EWROPEW

4.1 L-adattament tal-ambitu u d-daqs tal-kumitati

Mill-1998, il-Kummissjoni ntalbet twaqqaf kumitati f'setturi ekonomiċi kbar (*il-kostruzzjoni, l-agrikoltura, is-servizzi postali, l-isptarijiet, l-edukazzjoni, il-kummerċ, l-inġinerija fil-metall u l-industrija bbażati fuq it-teknoloġija*) kif ukoll f'setturi iżgħar bħat-tarzni, jew mikrosetturi bħall-futbol professjonali. Dan jenfasizza l-kwistjoni tad-demarkazzjoni tal-kumitati. Id-definizzjoni tal-limiti ta' settur partikolari²⁵ hija partikolarment diffiċli billi l-kopertura settorjali tad-djalogu soċjali u n-negożjar kollettiv ivarjaw ħafna fost l-Istati Membri. Barra minn hekk, l-istruttura tal-kumitati tvarja minn settur għal ieħor.

Il-Kummissjoni tivvaluta jekk il-limiti ta' settur partikolari humiex rilevanti fir-rigward tal-attività ekonomika involuta, u tiegħu inkunsiderazzjoni l-konfigurazzjoni istituzzjonali tal-imsieħba soċjali tagħha, filwaqt li żżomm f'moħħha li huwa meħtieġ daqs kritiku biex jintlaħqu riżultati konkreti. Fil-prattika, il-kopertura ta' kumitat għad-djalogu soċjali settorjali hija relatata mill-qrib mar-rappreżentanza tal-membri tiegħu²⁶. Huwa għalhekk li kumitat għandu jkun inklużiv kemm jista' jkun possibbli²⁷ u ffukat kemm hemm bżonn biex ikun rilevanti għall-partijiet interessanti tiegħu. Għandu jinkludi l-imsieħba rilevanti kollha u jiżgura rappreżentanza adegwata.

Dan l-approċċ lejn id-daqs tas-setturi ma jippreveniex lill-Kummissjoni milli tippromwovi, fuq bażi *ad hoc*, il-ħolqien ta' gruppi ta' ħidma biex jindirizzaw kwistjonijiet subsettorjali (*il-kontroll tat-traffiku fl-ajru fl-avjazzjoni ċivili*) jew kwistjonijiet plurisettorjali (pereżempju l-politika tan-negożju, is-sostenibbiltà, il-valutazzjonijiet tal-impatt u l-mekkaniżmi ta' monitoraġġ) jew għat-tnedija ta' proċessi ta' negożjati (*pereżempju dwar is-silika kristallina*²⁸) fejn ikun neċessarju.

4.2 Ninvolve atturi ġodda biex nadattaw għall-bidla

Il-limiti tas-setturi dejjem kienu kkunsidrati fir-rigward tal-isfond ta' bidliet strutturali li jaffettwaw l-attivitàjiet ekonomiċi u l-istrutturi tal-impjieg bħala riżultat tal-globalizzazzjoni, l-iżviluppi tas-suq u l-bidla teknoloġika.

L-atturi ekonomiċi u soċjali jistgħu jitfaċċaw jew jisparixxu fi kwanukwe settur partikolari. Operaturi ġodda bħal pereżempju *kumpaniji bi prezzijiet baxxi* fl-avjazzjonai ċivili, *operaturi privati* fis-servizzi postali u t-telekomunikazzjonijiet, *sottokuntratturi rurali* fl-agrikoltura, tfaċċaw reċentement. Fis-settur pubbliku, ċerti organizzazzjonijiet ġew privatizzati u sarilhom ristrutturar. Barra minn hekk, l-istruttura tal-organizzazzjonijiet tal-imsieħba soċjali tista' tevolvi kemm fil-livell Ewropew u kemm f'dak nazzjonali u twassal għall-emerġenza ta' atturi ġodda jew iktar b'saħħithom. Pereżempju, l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju qed isiru iktar interessati fid-djalogu soċjali settorjali Ewropew.

²⁵ Skont il-klassifikazzjoni NACE, f'konformità mal-approċċ metodoloġiku adottat mill-EUROFOUND li attwalment iwettaq studji dwar ir-rappreżentanza http://www.eurofound.europa.eu/eiro/comparative_index.htm.

²⁶ L-organizzazzjonijiet ta' min iħaddem ġeneralment ikunu strutturati f'konformità ma' ambitu limitat filwaqt li hemm tendenza li t-tejdunins jkunu organizzati fuq bażi iktar wiesgħa.

²⁷ Il-Kummissjoni, pereżempju, se tinkoraġġixxi t-twaqqif ta' kumitat kbir ġenerali għall-isport minflok it-twaqqif ta' kumitat separat għal kull dixxiplina.

²⁸ In-Network Ewropew għas-Silika (NEPSI) iffurmat mill-assoċjazzjonijiet settorjali ta' min iħaddem u l-impjegati Ewropej li ffirmaw id-Djalogu Soċjali 'Ftehim dwar il-Protezzjoni tas-Saħħa tal-Ħaddiema Permezz tat-Trattament u l-Użu Tajjeb tas-Silika Kristallina u Prodotti li fihom is-Silika Kristallina' fil-25 ta' April 2006.

Parteċipanti ekonomiċi ġodda f'suq mhux neċessarjament ikunu interessati jew organizzati adegwament biex jipparteċipaw f'organizzazzjoni ta' msieħeb soċjali. Madankollu, jekk tali atturi ġodda jkunu jixtiequ jingħaqdu ma' djalogu soċjali Ewropew u jissodisfaw il-kriterji rilevanti, il-kumitati għandhom jippromwovu u jinkoraġġixxu l-involvement tagħhom fid-delegazzjonijiet rispettivi tagħhom biex jiżguraw li l-kompożizzjoni tagħhom tirrifletti l-bidliet fir-realtajiet ekonomiċi u tax-xogħol. Tali atturi ġodda jistgħu jikkumplementaw ir-rappreżentanza f'settur partikolari jekk organizzazzjonijiet ġodda jieħdu sehem fil-kumitati, abbażi tar-rikonoxximent u l-ftehim reċiproku. Miżuri sempliċi bħal stedinet lil atturi ġodda biex jingħaqdu u/jew jattendu laqgħat bħala membri sħaħ jew osservaturi²⁹ fejn xieraq jistgħu jgħinu fl-iffaċilitar tal-integrazzjoni tal-imsieħba rilevanti kollha. Il-Kummissjoni se tkun attenta għal dawn l-iżviluppi fil-monitoraġġ tagħha tar-rappreżentanza tal-kumitati filwaqt li tirrispetta b'mod sħiħ l-awtonomija tal-imsieħba soċjali.

4.3 L-inkoraġġiment tal-bilanċ bejn is-sessi

Xi kumitati adottaw testi u proġetti dwar l-ugwaljanza bejn is-sessi fis-suq tax-xogħol, bħal pjanijiet ta' azzjoni għall-ugwaljanza jew gwidi għal prattiki tajbin fil-post tax-xogħol. Iżda fir-rigward tal-parteeipazzjoni fid-delegazzjonijiet tal-kumitati, hemm tendenza li n-nisa jkunu sottorappreżentati, minħabba l-importanza tagħhom fis-setturi involuti.

Is-sitwazzjoni tvarja minn settur għal ieħor, u dan prinċipalment minħabba l-proċess ta' ħatra fl-organizzazzjonijiet affiljati nazzjonali. Madankollu, f'konformità mal-politika Ewropea dwar l-opportunitajiet indaqs għas-sessi u n-nuqqas ta' diskriminazzjoni³⁰, il-Kummissjoni stiednet lill-imsieħba soċjali Ewropej jaħdmu mal-affiljati nazzjonali tagħhom biex jiksbu bilanċ aħjar bejn is-sessi kemm fir-rati ta' parteċipazzjoni u kemm fir-rappreżentazzjoni fil-bords tal-kumitati³¹. Fl-istess spirtu, il-Kummissjoni siednet lill-imsieħba soċjali Ewropej biex ikomplu jiżviluppaw azzjonijiet eżistenti u jikkunsidraw azzjonijiet ġodda biex iqajmu kuxjenza u jżommu l-ugwaljanza bejn is-sessi fuq l-aġenda tagħhom.

5. IT-TITJIB TAL-EFFIĊJENZA TAL-KUMITATI GĦAD-DJALOGU SOĊJALI SETTORJALI EWROPEW

5.1 Is-sinerġiji u l-informazzjoni bejn is-setturi

Il-Kummissjoni tappoġġja u tinkoraġġixxi inizjattivi bejn il-kumitati, u bejn id-djalogu soċjali Ewropew transindustrijali u dak settorjali. Reċentement, dwan is-sinerġiji taw ir-riżultati, mhux biss fir-rigward tas-suġġetti diskussi, iżda anki fir-rigward tar-riżultati, notevolment ftehimiet awtonomi. Din it-tip ta' kooperazzjoni tirrinforza l-valur li d-djalogu soċjali settorjali Ewropew jista' jżid, filwaqt li tevita x-xogħol doppju u d-diverġenza tal-pożizzjonijiet tal-imsieħba soċjali.

²⁹ Dan sar b'suċċess wara l-abbozzar tal-ftehim dwar il-protezzjoni tal-ħaddiema kontra t-trab tas-silika kristallina fl-2006. F'xi kumitati jew gruppi ta' ħidma, rappreżentanti ta' gruppi ta' interess, SMEs u/jew nies li jaħdmu għal rashom jistgħu jipparteċipaw ukoll bħala osservaturi.

³⁰ L-Artikolu 10 tat-TFUE: "Fid-definizzjoni u fl-implimentazzjoni tal-politiki u l-azzjonijiet tagħha, l-Unjoni għandha tfittex li tiġġieled kull diskriminazzjoni bbażata fuq is-sess, ir-razza jew l-oriġini etnika, ir-reliġjon jew it-twemmin, id-diżabbiltà, l-età jew l-orjentazzjoni sesswali."

³¹ Is-servizzi tal-Kummissjoni jiġbru dejta dwar il-kompożizzjoni fir-rigward tas-sessi tad-delegazzjonijiet tal-kumitati.

Fost is-setturi, sar żvilupp sinifikanti fl-2006, meta 14-il settur industrijali kkonkludew ftehim awtonomu multisettorjali dwar *il-protezzjoni tas-saħħa tal-ħaddiema permezz tat-trattament u l-użu tajjeb tas-silika kristallina u l-prodotti li fihom is-silika kristallina*.

L-ewwel eżempju ta' sinerġija ta' tlaqqigħ bejn id-djalogu soċjali transindustrijali u dak settorjali kien fit-telework (2002). It-telekomunikazzjonijiet kien l-ewwel settur li adotta l-linji gwida, u wara dan ftehim transindustrijali ġie riprodott f'diversi setturi. Wara l-ftehim awtonomu dwar l-istress relatat max-xogħol (2004), testi konġunti dwar is-sigurtà privata, il-konstruzzjoni, l-elettriku, u l-amministrazzjonijiet ċentrali rreferew b'mod dirett għalih.

Fl-2006, il-ftehim transindustrijali awtonomu dwar il-vjolenza fuq ix-xogħol ma stipulax dispożizzjonijiet dettaljati dwar il-vjolenza minn partijiet terzi (jiġifieri vjolenza minn individwi minn barra l-intrapriża³²). Il-kummerċ, il-gvernijiet lokali u reġjonali, l-isptarijiet u s-setturi tas-sigurtà privata sussegwentament fittxew li jikkumplimentaw il-ftehim transindustrijali minn angolu settorjali u/jew multisettorjali speċifiku. Fl-2010, bdew jinnegozjaw test orjentat lejn il-proċess.

